# KIF IDURU R-RJIEĦ MA' MALTA.

In-naħa tat-truf ta' Malta lejn il-Mellieħa, għal fuq Għawdex, jaħbat il-Majistral u r-riħ fuq. Minn fuq il-Maritmu (skoll lejn Marsala).

It-Tramuntana tiġi għal fuq il-fetħa li tieħu, ingħidu aħna, minn San Pawl-il Baħar sal-Madliena bil-Għallis, il-Magħrab, il-Qawra, Buġibba u trufiijiet oħra. Minn fuq il-Munżbell ta' Sqallija.

Il-Grigal jikser għal fuq il-Ponta ta' Sant'Iermu — bejn il-ponot u mill-ponot il barra, lejn tas-Sliema u San Giljan; riħ bejn fuq u isfel. Miċ-Ċriku (Gżira fejn Kandia).

In-naħa tal-Imqabba, Ħal Safi, Ħal-Kirkopp, ftit il hawn u l'hinn u l-Port ta' Marsaxlokk — hekk imsejjaħ minn l-istess riħ — jiġi x-xlokk u riħ isfel. Minn fuq Lixandra.

Mill-Buskett sal-Qrendi bil-plajja kollha li ftit il hawn u l'hinn tħares lejn Filfla, jaħbat Nofs-in-nhar u riħ isfel. Minn fuq Bomba (mal-Barbarija).

Il-Lbiċ jaħbat għal fuq l-Imdina minn fuq Tripli. Is-sajjieda jgħidu: Il-lbiċ jieħel u l-punent il-lbiċ jilgħab.

Il-Punent jaħbat għal fuq Binġemma, il-Qlejgħa, l-Imġarr, Għajn Tuffieħa. Jonfoħ min-naħa ta' Tunes.

Fomm-ir-Riħ jiġi n-naħa tal-Punent. Din id-daħla hekk ġiet imsejħa għax bħalkieku r-riħ li jdum mn'hemm jonfoħ l-iktar bis-saħħa.

V.M.B.

# ŻEŻINA U ŻEWĠHA BELINN

Jingħad li s-sinjura Żeż u żewġha Belinn ma tantx jiftehmu. Dnub, għax milli wieħed jista' jara nies sewwa t-tnejn!

Taf x'naf, donnu s-sinjura Żeżin biex tmidd pass trid argnu u meta taħseb tagħmel ħaġa ssib ruħha dejjem bejn ħaltejn. Is-sur Belinn, naħseb, li mimli bih in-nifsu u jridha dejjem rebbieħa. Jaħasra par važetti fihom għaxqa, iżda mfarrda.

Ara kif ittellifl ek sabrek Żeżina . . .

Il-ġimgħa l-oħra kont għand Nettu tal-ħwejjeġ. Daħlet Żeżina kollha mgħaġġla . . .

"Ġejt bil-ħatfa nara naqtax libsa minn dawk li wrejtni il-bieraħ."

"Hemm għadhom il-pezez, sa'a Żeż: deherli li kont għażilt il-griża."

"Le, qalbi mdendla mal-ħamra imma nibża' wisq li ma taqbilx mal-kappell magenta li xtrajt dan l-aħħar."

"Għalhekk ħu l-griża."

"Il-griż jaqbel ma' kull lewn, xieraq wisq u moda dejjem."

"Mela naqtagħlek mill-griża, xi kemm tkun trid ?"

"Bi tliet qasab infieq, naħseb, il-lum ma tantx hemm ħala fil-lbies."

"Toħroġlok fil-wisa'."

"Stenna qabel taqta'. Agħtini mmiss daqsxejn il-ħamra, għax naħseb li għandha aktar qabda."

"Ħxuna waħda it-tnejn."

"Jista' jkun imma l-aħmar lewn magħluq u fil-għajn jidher sfiq, u l-griż lewn miftuħ jidher eħfef."